MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Numru. 649/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**MARIO VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Vella detentur ta’ karta tal-identita' nru. 21191(M).

Gie akkuzat talli nhar it-28 ta’ Marzu, 2010, f’xi hin bejn il-5.40a.m. u s-6.50a.m., mill-fond nru. 10, Rosmar, Triq Egidio Lapira, Lija:

1) ikkommetta serq ta’ flus kontanti w xi gojjellerija, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija w disa’ w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu tal-koppja Rosario u Mary konjugi Cutajar u ta’ binhom George Cutajar, u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2) volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ bieb ta’ garaxx ta’ l-istess fond, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta w ghoxrin Euro u disgha w ghoxrin centezmu (€23.29).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 5 ta’ Dicembru, 2013 u nnutat li l-imputat Mario Vella m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 261(b), (ċ), (e) u (f), 263(a), 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(c), 17, 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mario Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mario Vella ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Mario Vella jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Mario Vella sabiex fi zmien tlett (3) snin millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tmienja u sittin ewro u tlieta u sittin centezmi ta’ ewro (ewro 2468.63) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab inserit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti qedgha taghti lill-imputat Mario Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------